TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 166/14-F

**Ryan Busuttil**

**vs**

**Stephen Buhagiar**

Illum 9 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u erbgħa w erbgħin ewro (€144), rappreżentanti ħsarat li ma ttranġawx mill-intimat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-karozza tiegħu Peugeot 307 għand l-intimat sabiex jirranġaha, fejn biddillu l-*isparking plugs* pero' l-problema baqgħet hemm. Minkejja li reġa' kellu l-ħsara imbagħad ħadha għand il-kumpanija tal-Peugeot, fejn qalulu li l-problema kienet mill-*coil pack* u li kienet *imitation* u għalhekk qed jitlob il-flus lura ta' l-ewwel tiswija.

L-intimat issottometta illi l-fatt li l-*coil pack* setgħet kienet *imitation* ma jfissirx illi t-tiswija saret ħażina, anzi kif ħadha mar jippruvaha u sab illi kienet tajba.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiddeċiedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' mitt ewro (€100), u dan minħabba l-fatt illi t-tiswija li għamel jew ma kinitx tajba jew il-*part* ma kinitx adattata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**